**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**

**Appell Nru: 133/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Raymond Cremona )**

**Vs**

**CARMELO CASSAR**

**Illum, 3 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Carmelo Cassar talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, bejn l-1 ta'Settembru, 1997, u l-1 ta'Settembru, 1998, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' Lm326,846.00c bi hsara tal-Mid-Med Bank p.l.c. (illum HSBC Bank p.l.c.), u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fit-28 ta'Gunju, 2001, li biha ma sabetx lill-Carmelo Cassar hati ta' din l-akkuza, u, konsegwentement, illiberatu minnha.

Rat ir-rikors ta'appell ta' l-Avukat Generali datat 10 ta'Lulju, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara w ssib htija fl-appellat u tinfliggi l-piena fuqu skond il-ligi.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali jikkonsisti filli, skond hu, l-ewwel Qorti kienet interpretat b'mod skorrett l-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta'truffa, dan meta qalghet li f'dan il-kaz ma jirrizultawx l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex jissussisti dan ir-reat.

Din il-Qorti ezaminat sewwa dak kollu li qalghet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata minn fejn tirrizulta enuncjazzjoni korretta ta' x'inhuma r-rekwiziti ta' dan ir-reat ta'truffa li bih hu akkuzat l-appellat Carmelo Cassar. Dik il-Qorti ddeskriviet sewwa l-fatti kollha saljenti tal-kaz u dehrilha, wara li ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi, li f'dan il-kaz kien jonqos l-element ferm essenzjali tar-reat ta'truffa, cioe' l-element ta' l-ingann jew qerq permezz tal-'mise en scene', cioe', dawk l-artifizi jew raggiri kwazi teatrali li minhabba fihom il-vittma tigi indotta li taqa' ghal dak li jkun qed jitlobha it-truffatur.

L-ewwel Qorti dehrilha li l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ma kienux iwassluha sal-grad tal-konvinciment morali li kien hemm dan it-tip ta'ingann jew qerq da parti ta' l-appellat. Dehrilha li meta Iris Vella Urso, il-Manager tal-

Mid-Med Bank fil-fergha ta'Hal Tarxien iddecidiet li tavvanza ammonti sostanzjali ta' flus lill-appellat, dan ghamlitu mhux ghaliex giet b'xi mod ingannata minn xi 'mise en scene' ta' l-appellat, izda ghaliex, fid-diskrezzjoni taghha, tajba jew hazina, iddecidiet li tavvanzalu dawk il-flus. Fil-fatt, jirrizulta car l-ghaliex l-appellat ried dawk il-flus u weriha konvenji sabiex isahhah din it-talba tieghu. Issa jekk din Iris Vella Urso ma imxietx skond il-prattika tal-Bank jew le, dik hi kwistjoni ohra, haga interna tal-Bank, li bla ebda mod ma taffettwa lill-appellat. Jibqa' il-fatt, kif qalghet l-ewwel Qorti, u li din il-Qorti tikkondividi, li f'dak li ghamel l-appellat hu ma wera ebda ingann jew qerq, jew xi mise en scene li minhabba fiha wassal lill-Iris Vella Urso li tghaddielu dawk il-flus li ried.

Din il-Qorti ma ravvizat ebda interpretazzjoni inkompleta jew zbaljata tal-ligi da parti ta' l-ewwel Qorti, kif qed jissottometti l-appellant Avukat Generali. Kull ma ghamlet dik il-Qorti kien li spjegat x'inhi il-ligi b'riferenza ghar-reat ta' truffa w ir-rekwiziti ta'dan ir-reat, u wara li apprezzat il-provi w il-fatti, waslet ghall-konkluzzjoni taghha li dawk il-fatti ma jinkwadrawx ruhom fir-rekwiziti ta' dak ir-reat sal-grad tal-konvinciment morali. Dan kien apprezzament tal-provi maghmul tajjeb u skond il-ligi w li in bazi ta' dawk il-provi l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad l-appell ta' l-Avukat Generali w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Aldo Testone
Deputat Registratur